# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru mija u sitta (106) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar il-25 ta' Settembru, 2012 fis-6:50pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Galea | Sindku |
| | Charlie Farrugia | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-sindku ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu meħuda b'moqrija wara li intbagħtu mis-segretarju eżekuttiv permezz ta' *e-mail* ftit tal-jiem qabel, u sarulhom il-korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri. Dawn ġew konfermati, approvati u ffirmati.

3. Il-Kunsillier Nicholas Briffa kien skużat minħabba li ma jiflaħx u ċempel lis-segretarju eżekuttiv biex ikun hekk ikkunsidrat aktar kmieni matul il-jum. Il-KLM skużah.

4. Infetħet il-kaxxa tan-nomini għal Ġieħ l-Imqabba 2012 u fiha kien hemm żewġ applikazzjonijiet. Dik ta' Ms Josephine Barbara, ta' Aphrodite, Triq Dun Nikol Zammit, L-Imqabba u dik ta' Rose Farrugia, ta' 24 St Maria, Triq in-Nazzarenu, L-Imqabba. Il-KLM se jikkunsidra dawn in-nomini fis-seduta li jmiss.

5. Grace Marie Mallia talbet li jkun hemm addenda mal-minuti għal punt 11 li turi l-*graph* li pprovdewlna l-Koperattiva *Greenpak* fejn turi r-riżultati miksuba fl-isseparar tal-iskart.

Punti Oħra:

6. Is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv jikkonfermalna jekk irċevejniex xi korrispondenza dwar il-kontestazzjoni mill-*Public Contracts Review Board* dwar l-offerta tal-Knis tat-Toroq. Is-segretarju eżekuttiv wieġeb li s'issa ma kienx hemm aktar żviluppi.

7. Dwar il-ħarġa ta' Għawdex tat-13 ta' Settembru, 2012, is-sindku, il-Kunsillier Grace Marie Mallia u s-segretarju eżekuttiv infurmaw lill-kunsillieri li morna tajjeb u kull min ġie ħa gost.

8. Għall-mistoqsija ta' Grace Marie Mallia dwar l-*e-mail* li kien bagħat lil Mersia Mackay, is-sindku, Noel Galea qal li Mersia Mackay aċċettat li tiftaħ il-librerija pubblika filgħaxija minkejja li kienet issottomettiet ir-riżenja tagħha u l-KLM kien aċċettaha.

9. Dwar il-proġett ta' Miżura 313 bit-tisbieħ tas-sit tal-Mentna, is-sindku qal li l-kurduna tar-*roundabout* innifisha se tkun infurzata bil-ħadid u bil-konkos (billi jsir ċinturin tal-konkos) ħalli jekk tintlaqat minn xi rota tal-vetturi, din ma tinqalgħax mill-ewwel. Hu qal li għada bil-lejl il-Kuntrattur *Schembri Barbros* se jaħdem fuq l-istess *roundabout* għaliex hemm bżonn li jsiru tliet *crossings.* Waħda minn mal-ġnien għal ħdejn il-ħanut tal-laħam, oħra minn fejn il-*Convenience Shop* għal faċċata (viċin Triq il-Pal), u l-aħħar waħda minn fejn l-istatwa ta' San Franġisk għal mal-istatwa tal-Kunċizzjoni minħabba l-irrigazzjoni tal-ilma tar-*roundabout* u d-dwal tal-bankini. Dawl ieħor se jkun installat mat-*traffic island* viċin il-proġett biex din tkun viżibbli. Se jsiru notifiki lill-familji li jistgħu ikunu milquta minn xi nkonvenjent bil-lejl, permezz ta' nota mill-KLM li se titwasslilhom fi djarhom bl-idejn. Is-sindku qal li x-xogħol se jibda fis-7:00pm u se jkunu akkumpanjati minn żewġ gwardjani lokali. Is-sindku qal li rriżulta li kien hemm *blockage* tad-drenaġġ viċin il-Katakombi tal-Mentna u jidher li dan mar fl-istess

katakombi. Għaldaqstant jinħtieġ illi titneħħa l-kontaminazzjoni u mhux se jkun possibbli li l-oqbra jkunu għall-wiri fl-attività kulturali tal-5 ta' Ottubru 2012.

10. Intant, is-sindku qal li l-kuntrattur se jaqbad ipoġġi l-mużajk għall-kaskata tal-ilma u hu tkellem mal-kuntrattur *Asfaltar Ltd* għaliex għad fadal feles *tarmac* xi jsir biswit l-istess ġnien fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Hawn il-KLM iddeċieda li din issir bil-*hot tarmac* għaliex dan aħjar mill-*cold asphalt*. Intqal li dan hu mportanti li jsir f'post li minnu se jgħaddu daqstant vetturi tqal. F'dan il-punt Grace Marie Mallia qalet illi fejn il-*Convenience Shop* fadal biċċa bankina sal-ħajt tal-faċċata tal-ġardina illi ma saritx bil-mattonċina. Hija qalet li f'proġett ta' €500,000 hu mpossibbli li ma nsibux flus għall-kumplament tal-bankina. Is-sindku qal illi kellna nieqfu xi mkien u rrefera għal naħa oħra tal-proġett viċin il-katakombi fejn ukoll waqafna ħesrem. Dawn huma deċiżjonijiet li wieħed irid jieħu meta jkollu limitazzjonijiet ta' flus. Mhux gost tagħna iżda dik ir-realta' tenna is-Sindku.

11. Dwar il-ħsarat li hemm fi Triq tas-Sejba, is-sindku qal li llum xi uffiċjali ta' *Transport Malta* marru għand Andrew Scicluna, sid il-barriera, biex jaraw il-ħsara min-naħa tal-barriera. Sadanittant, il-KLM waħħal it-tabelli ta' twissija li jfakkru għal sewqan aktar bil-galbu.

12. Dwar id-deċiżjoni tal-KLM għat-talba tal-kuntrattur tal-iskart organiku li jitħallas persentaġġ tal-ispejjeż għal dawra itwal u iktar piż nhar ta' Erbgħa, is-segretarju eżekuttiv qal li kkomunikajna b'dan mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi u qed nistennew l-eżitu tal-laqgħa li jmiss li se tinżamm għada. Dwar il-problema li nħolqot bil-boroż tal-iskart suwed jiġru mar-raħal nhar ta' Tlieta, peress li dawn issa qed jinġabru nhar ta' Erbgħa, se naraw x'se jkun l-eżodu tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi u l-kunsillieri qalu li jekk tibqa' s-sitwazzjoni kif inhi, nerġgħu nibdew niġbru nhar ta' Tlieta bħalma kien isir qabel: l-ewwel il-borża s-sewda u imbagħad il-borża tal-iskart separat. Dan għaliex fir-realtà mhux qed ikun hemm '*savings*' għall-KLM u realment qed ikollna raħal aktar maħmuġ.

13. Għall-attività tal-5 ta' Ottubru 2012, ix-xogħol li qed isir fuq *big screens* bil-*projectors* li jinkludu ritratti antiki li l-membri tal-KLM kellhom ix-xorti li jaraw waqt din il-laqgħa, se jkunu sponsorjati mill-viċi sindku. Hu qal li biex ikun proġettat dan se jkun jinħtieġ li probabbli jintrama *scaffolding* ukoll.

14. Paul Spiteri qal li kellna wkoll il-konferma tal-preżentaturi Edwin Gatt u Patrick Mallia kif ukoll il-konferma tal-kantanti Chrystal Bugeja u Rebecca Farrugia u l-*Go-Go-Cats*. Dwar l-imfietaħ tal-Kappella ta' Santa Katarina, Paul Spiteri qal li din trid titnaddaf nhar il-Ħamis 4 ta' Ottubru 2012, filgħodu mill-fattiga tal-KLM.

15. Intant se naraw minn fejn se nġibu vann biex inġorru l-apparat tas-*sound* u l-palk mid-Dipartiment tal-Kultura filwaqt li s-sindku ċempel dak il-ħin lill-*Buz Dov* u nfurmah li hu ma kienx għad fadallu l-makkinarju tal-qtugħ tal-ġebel tal-barriera.

16. Is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat sabiex jinforma lill-*Transport Malta* dwar id-devjazzjoni tat-trasport pubbliku, ħalli l-vetturi tal-*Arriva* ma jgħaddux mill-pjazza fil-ħin li tkun qed tinżamm l-attività kulturali, kif ukoll biex jinforma lill-kuntrattur tat-tindif tat-toroq sabiex inaddafhom fil-ħin li fih tinżamm l-attività.

17. Sadanittant jidher li għad hemm il-permess jiċċirkula biex il-ferrovija mingħajr binarji tkun tista' tattendi għall-attività kulturali. Il-kuntrattur u l-KLM kienu imlew applikazzjoni biex din ġiet sottomess lill-*Transport Malta*. Is-sindku qal li dak li jsuq it-trenn hu l-kuntrattur li kien ħadem magħna sentejn ilu. Din se tgħaddi mill-Pjazza tal-Knisja, Karmenu Ciantar, Misraħ il-Fidwa, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq in-Nazzarenu, Triq Ħal Kirkop, Pjazza Ġublew tad-Djamanti, Triq tas-Sejba, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Misraħ Missjoni ż-Żgħira, Triq il-Mitħna, Triq Santa Katerina u l-Pjazza tal-Knisja.

18. *In vista* tal-*e-mails* li rċevejna propju dalgħodu mill-*Imqabba Football Club*, is-sindku qal illi jkun propizju illi nestendu l-attività tagħna sa hemmhekk billi dak il-ħin ikun għaddej *football tournament*. Għaldaqstant, il-KLM se jikri l-*ground* bit-*turf* sintetiku għall-prezz ta' €200 li se jkunu mħallsin minn sponsor. Dan il-logħob tal-ballun se jibda kmieni sabiex wara l-logħob, il-ġenituri tat-tfal involuti fit-*tournament*, jitħajru jiġu l-pjazza.

19. Id-deputat sindku qal illi l-istudenti barranin li se jdoqqu il-kitarri u jkantaw se jkunu jistgħu jesebixxu it-talent tagħhom f'waħda mill-ġranet imħejjija fil-Ġimgħa Mqabbija. Dan infatti se jsir jew it-Tlieta 16, jew l-Erbgħa 17 jew il-Ħadd 14 ta' Ottubru, 2012 filgħaxija. Iżda dwar dan se nisimgħu aktar mingħand id-deputat sindku sabiex inkunu nistgħu nilqgħu lil dan il-kor fil-Knisja Parrokkjali jew l-Iskola Primarja Mqabba u wara imbgħad noffrulhom *drink.*

20. Dwar Jum l-Imqabba is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv iwieġeb *e-mail* li kienet għadha kemm daħlet mis-segretarju tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju dwar l-attività ta' Ġieh l-Imqabba, cioè dwar il-banda. Din kienet tittratta dwar il-loġistika tas-sala tal-iskola. Intant Grace Marie Mallia kienet inkarigata li torganizza il-*quiz* għat-tfal tal-iskola primarja.

Punti Oħra:

21. Paul Spiteri attenda l-laqgħa tal-Kumitat tar-Reġjun u qal li d-diskussjoni waqgħet fuq il-kuntrattur il-ġdid tal-kumpanija *Guard and Warden* u fuq kemm dawn qed jagħtu ċitazzjonijiet fl-irħula tagħna. L-uffiċjal awtorizzat, Tony Borg Cardona wieġeb għal ħafna mistoqsijiet li kellhom il-kunsilli lokali fosthom għall-oġġezzjoni li kien hemm meta anke f'dik il-maltempata l-kbira, dawn ħarġu u taw it-*tickets*. Matul il-laqgħa kien hemm ukoll diskussjoni dwar ir-rapport finanzjarju u Paul Spiteri qal li l-udituri ma sabux xi nuqqasijiet kbar. Kien hemm diskussjoni jekk il-kunsill lokali għandux jgħid lill-gwardjan lokali fejn imur u fejn ma jmurx. Is-segretarju eżekuttiv qal li din il-ħaġa la qatt għamilha u lanqas se jagħmilha, għax tkun qed titnaqqar l-awtonomija tal-gwardjan lokali.

22. Is-sindku semma diskursata li kellu mal-Perit Lino Bianco dwar il-logħob tan-nar. Dan inzerta persuna nvoluta flimkien ma' Servolo Delicata fir-rapport li għamlu. Hu qal li dawn wettqu *case study* fuq l-Imqabba dwar il-piroteknika. Il-Perit Bianco kien imħajjar jagħmel *lecture* fil-Kunsill Lokali tal-Imqabba u għalih ikunu mistiedna il-każini tal-banda tal-villaġġi madwarna. Is-sindku qal li dan il-*lecture* għandu jsir fil-Ġimgħa Mqabbija u kien deċiż illi dan isir fl-Iskola Primarja jew fl-Isptar il-Qadim. Is-segretarju eżekuttiv kien mitlub jikkomunika mal-Perit Bianco biex nippruvaw niltaqgħu miegħu għal dan l-iskop nhar il-Ġimgħa 28 ta' Settembru 2012 fis-1:30pm fl-uffiċċju tas-sindku.

23. Grace Marie Mallia staqsiet dwar il-*yellow lines* li kienu mitluba lill-*TM* mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba quddiem ir-residenza bl-isem Ġawhra, Triq Valletta. Is-sindku qal li dawn kienu approvati u din il-ġimgħa se jsiru mill-ħaddiema tagħna.

24. Grace Maria Mallia talbet aktar tagħrif finanzjarju għas-sena li qiegħdin fiha *vis a vis* in-nuqqasijiet li kienu sabu l-udituri fl-*accounts* tal-KLM. Hija qalet li l-kunsillieri huma nieqsa mill-*updates* tal-*accounts* speċjalment dwar dawk li ġejna kkritikati fuqhom mill-Udituri bħall-*fixed assets* u oħrajn. Is-segretarju eżekuttiv qal li kull kwart huwa jressaq ir-rapport finanzjarju, madankollu hu talab lill-*accountant* sabiex jiddedika ftit ħin fl-uffiċċju u jara l-entraturi hu stess fis-sistema tas-*SAGE* ħalli jinqabdu dawk l-aġġustamenti li jridu jsiru preferibbilment ferm qabel ma nagħlqu s-sena.

25. Noel Galea ressaq talba li saret minn Ms Carmen Lia li se tqassam ktieb b'tagħrif storiku b'xejn lil kull familja bl-isem *"L-Imqabba bejn storja u folklor"*. Hu qal li din qed titlobna ftit għajnuna. Il-KLM ikkunsidra li jixtri b'kemm jiswew €200 f'kotba li fihom madwar 300 faċċata kull wieħed, iżda qabel ma jsir dan għandna nitolbuha kopja ħalli naqrawha.

26. Is-sindku talab lill-kunsillieri sabiex jaħsbu għall-artiklu tagħhom tal-fuljett tal-ħarġa t'Ottubru 2012 u qabbad lis-segretarju eżekuttiv sabiex ifakkarhom permezz ta' *e-mail* biex jibagħtu l-artiklu sa nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru 2012. Hu qal li issa li telqet Mersia Mackay, se terġa' tieħu ħsieb il-fuljett Valerie Galea.

27. Dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-istallazzjoni tad-dwal mitluba mill-Ispettur Jennifer Mallia tal-Għassa taż-Żurrieq għall-attività li se jorganizza l-KLM nhar il-5 ta' Ottubru 2012, is-sindku ta d-dettalji tal-Electrician li ffirma fuq l-applikazzjoni tal-elettriku li kienet sottomessa l-Korporazzjoni Enemalta tas-Sur Jason Tanti, lis-segretarju eżekuttiv sabiex dan iċempillu ħalli jipprovdihielna u neħduha l-Uffiċċju tal-Għassa taż-Żurrieq.

28. Is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex jirrapporta l-*blockage* tad-drenaġġ quddiem is-serer tal-fjuri fl-isqaq tan-nar, kif ukoll dak ta' Triq tas-Sejba viċin il-*garages* industrijali. Hawn is-segretarju eżekuttiv qal illi skont Lonzu Mifsud dan mhux drenaġġ iżda *service* tal-ilma li nqasam u qed jiskula għal ġo /viċin *manhole* tad-drenaġġ li diġà tkellem mal-*foreman* dwarha u anke għaddiha bil-miktub mis-sistema tal-*customer care.*

29. Is-sindku ressaq għall-approvazzjoni talba minn għand Ms Mary Rose Pace sabiex it-tifel tagħha li għandu bżonnijiet speċjali u li qed imur skola fl-MCAST, jibda' jiġi darba fil-ġimgħa biex jagħmel *pathway course* għas-sena skolastika kollha li jmiss. Dan ifisser li jkun qed jagħmel xogħol fil-Muniċipju tagħna mingħajr ħlas. Din it-talba ġiet milqugħa b'mod unanimu u għaldaqstant is-Sindku talab lis-SE sabiex jagħmel l-applikazzjoni meħtieġa.

30. Kienet approvata l-*Payment Approval Sheet* 448 u ma kienux approvati l-*Payment Approval Sheets* 446 u 447 biex jinxtraw kotba għal-librerija pubblika bis-sindku jisħaq illi għandhom jiġu mfittxija kotba b'lingwi differenti għall-Ingliż u l-Malti li minnhom hemm għażla tajba.

31. Il-laqgħa ntemmet fif-09:27pm u dik li jmiss se tinżamm fl-istess ħin nhar id-9 ta' Ottubru, 2012.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*09/ 10/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |